II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1039

tat-30 ta' Ġunju 2015

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward tal-ittestjar tat-titjir

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 5(5) u 7(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ([2]) għandu jiġi emendat sabiex jirregola, bħala parti mill-kundizzjonijiet tat-titjira, il-kompetenza u l-esperjenza għall-piloti u għall-inġiniera responsabbli għall-ittestjar tat-titjira, skont il-kumplessità tat-testijiet tat-titjira mwettqa u tal-inġenju tal-ajru, bil-ħsieb li tiżdied is-sikurezza u tissaħħaħ l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tal-kompetenza u tal-esperjenza għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ittestjar tat-titjira fl-Unjoni.

(2) Ir-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni li jwettqu l-ittestjar tat-titjiriet, rekwiżit li jkun hemm manwal tal-operat tal-ittestjar tat-titjira li jiddefinixxi l-politiki tal-organizzazzjoni u l-proċeduri neċessarji fir-rigward tal-ittestjar tat-titjira għandhom ukoll jiġu introdotti, sabiex jippromwovu t-twettiq bla periklu ta' ttestjar tat-titjira. Dak il-manwal għandu jinkludi politiki u proċeduri għall-kompożizzjoni u l-kompetenza tal-ekwipaġġ, il-preżenza abbord ta' persuni minbarra l-membri tal-ekwipaġġ, il-ġestjoni tar-riskju u tas-sikurezza, l-identifikazzjoni tal-istrumenti u t-tagħmir li huwa meħtieġ li jinġarru.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ([3]) ġie riformulat għaċ-ċarezza. Peress li l-Formola 15a tal-EASA, kif stipulata fl-Appendiċi II tal-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, tirreferi għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, jeħtieġ li dik ir-referenza tiġi aġġornata.

(4) Jeħtieġ li jingħata żmien suffiċjenti għall-industrija tal-ajrunawtika u għall-Istati Membri biex jadattaw għal dawn ir-rekwiżiti. Għalhekk, għandhom jiġu previsti dispożizzjonijiet tranżitorji xierqa. Għal ċerti emendi speċifiċi, madankollu, għandha tingħata data tal-applikazzjoni differita fid-dawl tan-natura ta' dawk l-emendi.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda

L-Anness I (Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. L-Istati Membri li fil-21 ta' Lulju 2015 ħarġu liċenzji nazzjonali għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ittestjar tat-titjira li mhumiex bdoti jistgħu jkomplu jagħmlu dan skont il-liġi nazzjonali tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2017. Id-detenturi ta' dawk il-liċenzji jistgħu jkomplu jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom sa dik id-data.

2. Wara l-31 ta' Diċembru 2017, l-applikanti għal, jew id-detenturi ta' permess għat-titjir jistgħu jkomplu jużaw is-servizzi ta' bdoti involuti fit-testijiet tat-titjira tal-Kategorija Tlieta jew Erbgħa imsemmija fl-Appendiċi XII tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 u tal-inġiniera tal-ittestjar tat-titjira li kienu qed iwettqu attivitajiet tal-ittestjar tat-titjira skont ir-regoli applikabbli tal-liġi nazzjonali qabel dik id-data. Kull użu bħal dan għandu jibqa' limitat għall-ambitu tal-funzjonijiet ta' membri tal-ekwipaġġ tal-ittestjar tat-titjira kif stabbilit qabel il-31 ta' Diċembru 2017.

L-ambitu tal-funzjonijiet ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ittestjar tat-titjira għandu jkun stabbilit mill-applikant għal jew id-detentur ta' permess għat-titjir li juża jew qed jippjana li juża s-servizzi tagħhom, fuq il-bażi tal-esperjenza u t-taħriġ tal-membri tal-ekwipaġġ tal-ittestjar tat-titjira, u fuq ir-rekords rilevanti tal-applikant għal jew id-detentur ta' permess għat-titjir. Dak l-ambitu tal-funzjonijiet ta' membru tal-ekwipaġġ tal-ittestjar tat-titjira għandu jsir disponibbli lill-awtorità kompetenti.

Kull żieda jew kwalunkwe emenda oħra fl-ambitu tal-funzjonijiet stabbilit għal dawn il-membri tal-ekwipaġġ tal-ittestjar tat-titjira mill-applikant għal jew mid-detentur ta' permess għat-titjir li juża jew jippjana li juża s-servizzi tagħhom għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Appendiċi XII tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2015, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu joħorġu l-Formola 15a taċ-ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-EASA kif stipulat fl-Appendiċi II tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, li jkunu fis-seħħ qabel il-21 ta' Lulju 2015. Ċertifikati maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 jibqgħu validi sakemm jiġu mibdula, sospiżi jew revokati.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' Lulju 2015.

Madankollu:

(a) il-punti 2 u 3 tal-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016; il-punt (b) japplika sakemm issir referenza għall-Appendiċi XII tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(b) il-punt 6 tal-Anness fir-rigward tal-punt D tal-Appendiċi XII għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2018, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti li diġà jirriżultaw mill-Anness I (Parti-FCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 ([1]).

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-werrej (Kontenut) tiżdied l-entrata li ġejja:

"Appendiċi XII — Kategoriji ta' testijiet tat-titjira u l-kwalifiki tal-ekwipaġġ assoċjat tat-titjir bi prova";

(2) Fil-punt 21.A.143(a), jiżdied il-punt 13 li ġej:

"13. manwal tat-titjir bi prova li jiddefinixxi l-politiki u l-proċeduri tal-operazzjonijiet tal-organizzazzjoni b'rabta mat-testijiet tat-titjira, fil-każ li se jitwettqu testijiet tat-titjir. Il-manwal tal-operazzjonijiet tat-titjir bi prova għandu jinkludi:

(i) deskrizzjoni tal-proċessi tal-organizzazzjoni għat-testijiet tat-titjira, inklużi l-involviment tal-organizzazzjoni tat-testijiet tat-titjira fil-permess għall-proċess tal-ħruġ tat-titjiriet;

(ii) politika dwar l-ingaġġ tal-ekwipaġġ, inklużi l-kompożizzjoni, il-kompetenza, il-limitazzjonijiet ta' validità u ta' ħinijiet ta' titjir, skont l-Appendiċi XII ta' dan l-Anness I (il-Parti 21), fejn applikabbli;

(iii) proċeduri għall-ġarr ta' persuni minbarra l-membri tal-ekwipaġġ u għat-taħriġ tat-testijiet tat-titjira, meta applikabbli;

(iv) politika ta' ġestjoni tar-riskju u tas-sikurezza u metodoloġiji assoċjati;

(v) proċeduri biex jiġu identifikati l-istrumenti u t-tagħmir li għandu jinġarr;

(vi) lista ta' dokumenti li jridu jiġu ppreżentati għal testijiet tat-titjira.";

(3) Fil-punt 21.A.243, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) l-organizzazzjoni tad-disinn għandha tipprovdi manwal lill-Aġenzija li jiddeskrivi, direttament jew billi ssir referenza għalihom, l-organizzazzjoni, il-proċeduri rilevanti u l-prodotti jew it-tibdiliet fil-prodotti li se jiġu ddisinjati. Fil-każ li se jitwettqu operazzjonijiet tat-testijiet tat-titjiria, manwal tat-titjir bi prova li jiddefinixxu l-politiki u l-proċeduri tal-organizzazzjoni f'relazzjoni ma' test tat-titjira għandha tkun fornuta. Il-manwal tal-operazzjonijiet tat-titjir bi prova għandu jinkludi:

(i) deskrizzjoni tal-proċessi tal-organizzazzjoni għat-testijiet tat-titjira, inklużi l-involviment tal-organizzazzjoni tat-testijiet tat-titjira fil-permess għall-proċess tal-ħruġ tat-titjiriet;

(ii) politika dwar l-ingaġġ tal-ekwipaġġ, inklużi l-kompożizzjoni, il-kompetenza, il-limitazzjonijiet ta' validità u ta' ħinijiet ta' titjir, skont l-Appendiċi XII ta' dan l-Anness I (il-Parti 21), fejn applikabbli;

(iii) proċeduri għall-ġarr ta' persuni minbarra l-membri tal-ekwipaġġ u għat-taħriġ tat-testijiet tat-titjira, meta applikabbli;

(iv) politika ta' ġestjoni tar-riskju u tas-sikurezza u metodoloġiji assoċjati;

(v) proċeduri biex jiġu identifikati l-istrumenti u t-tagħmir li għandu jinġarr;

(vi) lista ta' dokumenti li jridu jiġu ppreżentati għal testijiet tat-titjira.";

(4) Fil-punt 21.A. 708 (b), il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. kwalunkwe kundizzjoni jew restrizzjoni imposta fuq l-ekwipaġġ tat-titjira biex itajjar l-inġenju tal-ajru, barra dawk definiti fl-Appendiċi XII ta' dan l-Anness I (il-Parti 21).";

(5) L-Appendiċi II jinbidel b'dan li ġej:

"Appendiċi II

Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Airworthiness — Formola 15a tal-EASA

[STAT MEMBRU]

Membru tal-Unjoni Ewropea (*)

ĊERTIFIKAT TA' REVIŻJONI TAL-AIRWORTHINESS

Referenza ARC: .....

Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li attwalment jinsab fis-seħħ, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU] b'dan tiċċertifika li l-inġenju tal-ajru li ġej:

Manifattur tal-inġenju tal-ajru: .....

Deżinjazzjoni tal-manifattur: .....

Reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru: .....

Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru: .....

fil-ħin ta' reviżjoni ġie kkunsidrat li jista' jittajjar.

Data tal-ħruġ: ..... Data tal-iskadenza: .....

Sigħat tat-Titjir (FH) li jkun għamel il-qafas tal-ajruplan u d-data tal-ħruġ tiegħu mill-produzzjoni (**): .....

Iffirmat: ..... Numru tal-awtorizzazzjoni: .....

L-1 Estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjent ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 għas-sena li għaddiet. Fil-ħin tal-ħruġ l-inġenju tal-ajru ġie kkunsidrat li jista' jittajjar.

Data tal-ħruġ: ..... Data tal-iskadenza: .....

Sigħat tat-Titjir (FH) li jkun għamel il-qafas tal-ajruplan u d-data tal-ħruġ tiegħu mill-produzzjoni (**): .....

Iffirmat: ..... Numru tal-awtorizzazzjoni: .....

Isem il-kumpanija: ..... Referenza tal-approvazzjoni: .....

It-2 Estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjent ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 għas-sena li għaddiet. Fil-ħin tal-ħruġ l-inġenju tal-ajru ġie kkunsidrat li jista' jittajjar.

Data tal-ħruġ: ..... Data tal-iskadenza: .....

Sigħat tat-Titjir (FH) li jkun għamel il-qafas tal-ajruplan u d-data tal-ħruġ tiegħu mill-produzzjoni (**): .....

Iffirmat: ..... Numru tal-awtorizzazzjoni: .....

Isem il-kumpanija: ..... Referenza tal-approvazzjoni: .....

Formola 15b tal-EASA Ħarġa 4.

(*) Ħassar għal pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE

(**) Ħlief għal blalen tal-arja u għal iġfna tal-ajru (airships)"

(6) L-Appendiċi XII li ġej huwa miżjud:

"Appendiċi XII

Kategoriji ta' testijiet tat-titjira u l-kwalifiki tal-ekwipaġġ assoċjat tat-titjir bi prova

A. **Ġenerali**

Dan l-Appendiċi jistabbilixxi l-kwalifiki meħtieġa għall-ekwipaġġ tat-titjira involut fit-twettiq ta' testijiet tat-titjira għal inġenji tal-ajru ċċertifikati jew li se jkunu ċċertifikati skont CS-23 għal inġenji tal-ajru b'massa ta' tluq massima (MTOM) ta' jew ogħla minn 2 000 kg, CS-25, CS-27, CS-29 jew kodiċijiet ekwivalenti tal-airworthiness.

B. **Definizzjonijiet**

1. 'Inġinier tat-titjir bi prova' tfisser kwalunkwe inġinier involut f'operazzjonijiet tat-titjir bi prova fuq l-art jew fl-ajru.

2. 'Inġinier responsabbli għat-titjir bi prova' tfisser inġinier tat-titjir bi prova assenjat għal kompiti f'inġenju tal-ajru għall-fini tat-twettiq tat-testijiet tat-titjira jew tal-assistenza għall-bdot fl-operat tal-inġenju tal-ajru u tas-sistemi tagħha matul l-attivitajiet tat-test tat-titjira.

3. 'testijiet tat-titjira' tfisser:

3.1. titjijiriet għall-fażi tal-iżvilupp ta' disinn ġdid (inġenju tal-ajru, sistemi tal-propulsjoni, parts u apparat);

3.2. titjiriet biex juru l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni jew il-konformità fid-disinn tat-tip;

3.3. titjiriet maħsuba bħala esperimenti ta' kunċetti ġodda tad-disinn, li jeħtieġu manuvri jew profili mhux konvenzjonali li permezz tagħhom jista' jkun possibbli li wieħed joħroġ mill-istruttura diġà approvata tal-inġenju tal-ajru;

3.4. titjiriet ta' taħriġ tat-titjir bi prova.

C. **Kategoriji ta' testijiet tat-titjira**

1. *Ġenerali*

Id-deskrizzjonijiet ta' hawn taħt jindirizzaw titjiriet imwettqa permezz ta' organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni skont l-Anness I (il-Parti 21).

2. *Kamp ta' applikazzjoni*

Jekk ikun hemm aktar minn ajruplan wieħed involut f'test, kull inġenju tal-ajru individwali tat-titjira għandu jiġi vvalutat skont dan l-Appendiċi biex jiġi ddeterminat jekk huwiex test tat-titjira u, meta xieraq, il-kategorija tiegħu.

It-titjiriet imsemmija f'punt (B)(3) huma l-uniċi titjiriet li jappartjenu għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-Appendiċi.

3. *Kategoriji ta' testijiet tat-titjira*

Testijiet tat-titjira jinkludu l-erba' kategoriji li ġejjin:

3.1. Kategorija Wieħed (1)

(a) titjir(a/iet) inizjali ta' tip ġdid ta' inġenju tal-ajru jew ta' inġenju tal-ajru li t-titjir tiegħu jew l-karatteristiċi tal-immaniġġjar tiegħu setgħu ġew mibdula b'mod sinifikanti;

(b) titjiriet li matulhom jista' jkun previst li potenzjalment jiltaqgħu ma' karatteristiċi tat-titjira li huma differenti b'mod sinifikanti minn dawk diġà magħrufa;

(c) titjiriet biex jiġu investigati karatteristiċi jew tekniki ġodda jew mhux tas-soltu tad-disinn tal-inġenji tal-ajru;

(d) titjiriet li jistabbilixxu jew jespandu l-'flight envelope';

(e) titjiriet biex jiġu ddeterminati l-prestazzjoni regolatorja, il-karatteristiċi u l-kwalitajiet tal-immaniġġjar tat-titjir meta l-limiti tal-'flight envelope' jiġu avviċinati;

(f) taħriġ tat-titjir bi prova għal testijiet tat-titjira tal-Kategorija 1.

3.2. Kategorija Tnejn (2)

(a) titjiriet mhux klassifikati tal-Kategorija 1 fuq inġenju tal-ajru li t-tip tiegħu jkun għadu ma ġiex iċċertifikat;

(b) titjiriet mhux klassifikati tal-Kategorija 1 fuq inġenju tal-ajru ta' tip diġà ċċertifikat, wara l-inkorporazzjoni ta' modifika li għadha mhix approvata u li:

(i) jeħtieġu evalwazzjoni tal-imġiba ġenerali tal-inġenju tal-ajru; jew

(ii) jeħtieġu evalwazzjoni tal-proċeduri bażiċi tal-ekwipaġġ, meta topera jew hija meħtieġa sistema ġdida jew modifikata; jew

(iii) huma meħtieġa li jittajru intenzjonalment barra mil-limiti tal-'envelope' operazzjonali approvat bħalissa, iżda fil-limiti tal-'flight envelope' investigat.

(c) taħriġ tat-titjir bi prova għal testijiet tat-titjira tal-Kategorija 2.

3.3. Kategorija Tlieta (3)

Titjiriet imwettqa għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' konformità għal inġenji tal-ajru ġodda li ma jirrikjedux titjir barra mil-limitazzjonijiet taċ-ċertifikat tat-tip jew tal-manwal tat-titjir tal-inġenju tal-ajru.

3.4. Kategorija Erbgħa (4)

Titjiriet mhux klassifikati bħala tal-Kategorija 1 jew 2 fuq inġenju tal-ajru ta' tip diġà ċċertifikat, f'każ ta' inkorporazzjoni ta' bidla fid-disinn li għada ma ġietx approvata.

D. **Kompetenza u esperjenza ta' bdoti u inġiniera responsabbli għat-testijiet tat-titjira**

1. *Ġenerali*

Il-bdoti u l-inġiniera responsabbli għat-testijiet tat-titjira għandu jkollhom il-kompetenzi u l-esperjenza speċifikati fit-tabella li ġejja.

	Kategoriji tat-testijiet tat-titjira			
Inġenji tal-ajru	1	2	3	4
CS-23 ajruplan tal-ivvjaġġar jew inġenji tal-ajru b'veloċità pprogrammata ta' nżul bis-salt (Md) ogħla minn 0,6 jew tal-għoli massimu ta' aktar minn 7 260 m (25 000 pied), CS-25, CS-27, CS-29 jew kodiċijiet ekwivalenti tal-airworthiness	Kompetenza tal-livell 1:	Kompetenza tal-livell 2:	Kompetenza tal-livell 3:	Kompetenza tal-livell 4:
CS-23 oħra b'MTOM ta' 2 000 kg jew aktar	Kompetenza tal-livell 2:	Kompetenza tal-livell 2:	Kompetenza tal-livell 3:	Kompetenza tal-livell 4:

1.1. Kompetenza tal-livell 1

1.1.1. Il-bdoti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 ([1]).

1.1.2. L-inġinier responsabbli għat-titjir bi prova għandu:

(a) ikun wettaq b'mod sodisfaċenti kors ta' taħriġ fil-Kompetenza tal-livell 1; u

(b) ikollu mill-inqas 100 siegħa ta' esperjenza fit-titjir, inkluż taħriġ fit-titjir bi prova.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

1.2. Kompetenza tal-livell 2

1.2.1. Il-bdoti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

1.2.2. L-inġinier responsabbli għat-titjir bi prova għandu:

(a) ikun wettaq b'mod sodisfaċenti kors ta' taħriġ fil-kompetenza tal-livell 1 jew tal-livell 2; u

(b) ikollu mill-inqas 50 siegħa ta' esperjenza fit-titjir, inkluż taħriġ fit-titjir bi prova.

Il-korsijiet ta' taħriġ fil-kompetenza tal-livell 1 jew tal-livell 2 għall-Inġinier responsabbli għat-titjir bi prova għandhom ikopru mill-inqas is-suġġetti li ġejjin:

(i) il-prestazzjoni;

(ii) l-istabilità u kwalitajiet ta' kontroll/tal-immaniġġjar;

(iii) is-sistemi;

(iv) il-ġestjoni tat-test; u

(v) il-ġestjoni tar-riskju/tas-sikurezza.

1.3. Kompetenza tal-livell 3

1.3.1. Il-bdot(i) għandu(hom) ikun(u) id-detentur(i) ta' liċenzja valida adattata għall-kategorija tal-inġenju tal-ajru li qed jiġi ttestjat, maħruġa skont il-Parti-FCL u ta' Liċenzja ta' Bdot Kummerċjali (CPL) bħala minimu. Barra minn hekk, il-bdot fil-kmand għandu:

(a) ikollu klassifikazzjoni tat-titjir bi prova, jew;

(b) ikollu mill-inqas 1 000 siegħa ta' esperjenza fit-titjir bħala bdot fil-kmand fuq inġenji tal-ajru li għandhom kumplessità u karatteristiċi simili, u

(c) ikun ipparteċipa, għal kull klassi jew tip ta' inġenju tal-ajru, fit-titjiriet kollha li huma parti mill-programm li jwasslu għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-airworthiness individwali ta' mill-inqas ħames inġenji tal-ajru;

1.3.2. L-inġinier responsabbli għat-titjir bi prova għandu:

(a) jissodisfa l-Kompetenza tal-livell 1 jew tal-livell 2, jew;

(b) ikun kiseb ammont sinifikanti ta' esperjenza fit-titjir rilevanti għall-kompitu; u

(c) ikun ipparteċipa fit-titjiriet kollha li huma parti mill-programm li jwasslu għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-airworthiness individwali ta' mill-inqas ħames inġenji tal-ajru.

1.4. Kompetenza tal-livell 4

1.4.1. Il-bdot(i) għandu jkun id-detentur(i) ta' liċenzja valida adattata għall-kategorija tal-inġenju tal-ajru li qed jiġi ttestjat, maħruġa skont il-Parti-FCL u ta' CPL bħala minimu. Il-bdot fil-kmand għandu jkollu klassifikazzjoni ta' ttestjar tat-titjira jew ikollu mill-inqas 1 000 siegħa bħala bdot fil-kmand fuq inġenji tal-ajru li għandhom kumplessità u karatteristiċi simili.

1.4.2. Il-kompetenza u l-esperjenza tal-inġiniera responsabbli għat-titjir bi prova huma ddefiniti fil-manwal tal-operazzjonijiet tat-titjir bi prova.

2. *Inġiniera responsabbli għat-titjir bi prova*

L-inġiniera responsabbli għat-titjir bi prova għandhom jirċievu awtorizzazzjoni mill-organizzazzjoni li timplimenta li taġhti fid-dettall l-ambitu tal-funzjonijiet taġhhom fi ħdan l-organizzazzjoni. L-awtorizzazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem;

(b) id-data tat-twelid;

(c) l-esperjenza u t-taħriġ;

(d) il-kariga fl-organizzazzjoni;

(e) l-ambitu tal-awtorizzazzjoni;

(f) id-data tal-ewwel ħruġ tal-awtorizzazzjoni;

(g) id-data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni, jekk ikun xieraq; u

(h) in-numru ta' identifikazzjoni tal-awtorizzazzjoni.

L-inġiniera responsabbli għat-titjir bi prova għandhom jinħatru għal titjira speċifika biss jekk ikunu fiżikament u mentalment b'saħħithom biex jaqdu l-kompiti u r-responsabbiltajiet assenjati lilhom b'mod sikur.

L-organizzazzjoni għandha tagħmel disponibbli għad-detenturi, ir-rekords rilevanti kollha relatati mal-awtorizzazzjonijiet tagħhom.

E. **Kompetenza u esperjenza tal-inġiniera l-oħra tat-titjir bi prova.**

L-inġiniera l-oħra tat-titjir bi prova abbord l-inġenju tal-ajru għandu jkollhom ammont ta' esperjenza u taħriġ proporzjonata mal-kompiti assenjati lilhom bħala membri tal-ekwipaġġ, u skont il-manwal tal-operazzjonijiet tat-titjir bi prova, meta applikabbli.

L-organizzazzjoni għandha tagħmel disponibbli għall-inġiniera kkonċernati tat-titjir bi prova, ir-rekords rilevanti kollha relatati mal-attivitajiet tat-titjiriet tagħhom."